MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2008

Talba Numru. 1049/2006

**Talba Nru: 1049/06VGD**

Mediacoop Limited (Coop No. 49).

Vs

Lawrence Mifsud (Id. 414071M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta’ mija u tmintax-il Lira Maltin (Lm118) rapprezentanti prezz ta’ sponsorship fuq il-Capital Radio moghti lil Zabbar Social Club fuq ordnijiet tieghu stess u li baqa ma thallasx. Minkella li l-konvenut gie interpellat diversi drabi biex

ihallas, inkluz bl-ittra legali tad-29 ta' Gunju 2006, huwa baqa inadempjenti. Qed jintalbu ukoll l-imghaxijiet dekorribbli mid-data tal-fattura relattiva sad-data tal-effettiv pagament, bir-rata tat-8% fis-sena. Bl-ispejjes kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna lill-konvenut ihallas s-somma ta' mitejn, u erba u sebghin Ewro u sitta u tmenin centezmu (€274.86), ekwivalenti ghal mija u tmintax-il Lira Maltin (Lm118), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------